MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 105/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundannat thallas l-ammont ta’ disa’ mija u tlieta u tmenin Ira Maltija u disgha u tletin centezmu (Lm983.39c) danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fis-6 ta’ Lulju 2003 fi Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex bejn il-vettura Messey Ferguson 135 bin-numru IAV 236 misjuqa minnek u propjeta ta’ Angelo Calleja u dik Maruti 800 bin-numri EAK 637 propjeta ta’ Emanuel Muscat assikurata mas-socjeta attrici u misjuqa minn Nicholas Sammut.

Dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek minhabba illi inti inqast izzomm a proper look-out waqt is-sewqan tieghek.

Bl-ispejjes gudizzjarji inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali kontra tieghek ta’ Marzu 2004 u tal-ittra ufficjali prezentata

kontestwalment ma' dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici tieghek, kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa int ingunt."

Ra r-risposta li tghid hekk:

"1. Illi l-incident mertu fil-kawza gara tort tas-sewwieq Nicholas Sammut li hareg minn wara vettura li kienet parkeggjata u mblokka l-karregjata tal-eccipjenti, bil-konsegwenza li l-habta saret inevitabbli minkejja li l-eccipjenti ha kull azzjoni evasiva fic-cirkostanzi.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi

Ikkunsidra

Illi kif jidher sewwa mill-iskizz tal-pulizija a fol 23, l-incident sehh proprju fejn Triq San Pawl titwessa' f'daqqa fuq in-naha tal-lemin taghha meta wiehed ihares fid-direzzjoni tax-Xlendi. Is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici kienet hierga mill-parti dejjqa filwaqt li l-vettura tal-attur kienet gejja mid-direzzjoni opposta u cioe' l-parti wiesa' tal-istess Triq.

*A tempo vergine,* l-verzjoni tas-sewwieq tal-vettura EAK637 assikurata mas-socjeta' attrici kienet li kien qed isuq fuq il-linja tieghu, filwaqt li nnota li s-sewwieq tat-*tractor* kien aljenat ihares lejn in-naha tax-xellug tat-triq. Meta lemah lil EAK 637 dan kiser lejn ix-xellug tieghu biex jevita l-habta izda xorta wahda laqat lil EAK 637. Il-verzjoni tas-sewwieq tat-*tractor* IAV 236 kienet li kien qieghed isuq b'velocita' normali meta EAK637 harget minn wara *Landrover* ipparkjata fuq in-naha tax-xellug fil-punt fejn tintemm il-parti dejjqa tat-triq u allura kiser lejn ix-xellug biex jevita l-habta.

Quddiem it-Tribunal, is-sewwieq tat-*tractor,* cioe' l-konvenut Julian Calleja stqarr li EAK 637 kienet ghaddejja *wrong side.*

Il-gudikatur acceda wahdu fuq il-post u kkonstata li t-triq, fil-parti d-dejjqa taghha, hija wiesa’ bizzejjed biex minnha jghaddu bil-kumdita’ tlett karozzi magemb xulxin. Ghalhekk mhux minnu dak li jistqarr il-konvenut li l-vettura l-ohra kienet gejja *wrong side*. Calleja kellu imnejn jghaddi kieku verament kien attent ghal dak li kien ghaddej fit-triq, fi kliem iehor kieku kien qieghed izomm *a proper look-out*. L-anqas jirrizulta li EAK 637 qalghet minn wara l-vettura pparkjata: qabel il-habta hija kienet miexja bi dritt u kexxun mal-vettura pparkjata: posizzjoni inkonsistenti ma karozza li tkun ghadha kif qalghet minn wara u li allura tkun angolata. EAK 637 spiccat angolata lejn il-lemin taghha kif jidher fl-iskizz biss bhala rizultat tal-habta, meta ntlaqtet mir-rota ta’ quddiem tat-*tractor* misjuq mill-konvenut li gibidha mill-kantuniera leminija ta’ quddiem taghha. Skond ix-xhieda li taha Calleja stess, huwa applika brejk wiehed meta ghandu zewg brejkijiet u dan jindika wkoll li ma waqqafx il-vettura tieghu tempestivament kif setgha ghamel. Fl-ahharnett, billi huwa kien qieghed javvicina parti dejjqa tat-triq, kellu jaghti precedenza lil min ikun hiereg mill-istess parti dejjqa.

Ghalhekk jirrizulta li l-incident sehh unikament tort tan-negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ LM983.39c bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficcjali msemmija fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------